**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 27 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 538/01 AE**

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Brian Vella u Dorianne Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas ta' hames mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm585) import ta' hmistax-il kambjala skaduti u dovuti mill-konvenut lis-socjeta attrici, fil-wiehed u ghoxrin jum ta' kull xahar bejn Settembru 1999 u Novembru 2000 (fol. 3 - 17).

Ra li l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 187 tal-Kap. 12, baqghu ma deherux fis-seduti tad-9

ta’ Novembru 2001 u fis-seduta tal-lum, u lanqas ma pprezentaw risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Semgha lill-avukat Dr. Tanya Sammut in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallsuha s-somma ta’ hames mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm585), bl-imghax mid-data li mmaturat kull kambjala.

L-ispejjez kollha gudizzjarji (inkluzi d-drittijiet legali) ikunu ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**